MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
### MAGISTRAT DR.
### CAROL PERALTA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Numru. 118/2014

PULIZIJA
**SPETTUR JURGEN VELLA**

**VS**

**MAXIMILLIAN THOMAS GAFA`**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Maximillian Thomas Gafa`, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 581890 (M).

**Akkuzat talli:**

Fix-xahar ta` Dicembru, 2013, f'dawn il-gzejjer iffalsifika ordni jew document illi meta jigi pprezentat wiehed jista` jircievi bih hlas, jew jiehu l-kunsinna ta` oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-gvern; u xjentement ghamel uzu ta` din l-ordni jew document;

Aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubblika, jew fi skrittura kummercjali jew ta` bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi

wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; u xjentement ghamel uzu minn dan l-att, kitba jew skrittura falza u xjentement ghamel uzu minn dawn l-atti, kitba jew skrittura falza;

U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jaghmel delitt wera da nil-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt billi, ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifici foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji,jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh totali ghal valur ta` elf u seba` mitt ewro (€1,700) ghad-dannu ta` Mafalda Pace minn Santa Lucija u/jew persuni ohra, liema delitt magiex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, minghajr l-awtorizazzjoni ta` Julian Magri detentur tal-karta tal-identita` numru 22595M u minghajr l-awtorizazzjoni ta` Mafalda Pace detentrici tal-passaport bin-numru 844120, kellu fil-pussess tieghu,u ghamel uzu minn xi document tal-identita` tal-imsemmija persuni;

U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi minn gewwa 47, Dawret it-Torri, Santa Lucija, wettaq serq ta` zewg cekkijiet, u passaport, liema serq huwa aggravate bil-persuna u li sar ghad-dannu ta` Mafalda Pace minn Santa Lucija;

Talli wkoll nhar it-23 ta` Dicembru, 2013, ghal habta tas-sitta ta` filghaxija (18:00hrs), gewwa Triq il-Belt, Valletta, u pjazza Antoine De Paule, Rahal Gdid, wara li gie skwalifikat milli jzomm jew jikdeb licenzja tas-sewqan, saq vettura bil-mutur.

B'hekk sar ricediv b'diversi sentenzi mghotija mill-Qorti tal-Magistrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**Il-Qorti:**

Wara li ezaminat id-dokumenti esibiti u rat il-provi prodotti;

Wara li rat l-Artikoli 41 (1) (a), 49, 50, 167, 183, 184, 261 (d), 268 (b), 308, 309, 310 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta; l-Artikoli 22 (1), 24 (2) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 59 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta;
Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa u semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Fuq ammissjoni, il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant tpoggieh taht ordni tal-*probation* ghall-perjodu ta` tlett (3) snin mil-llum ai termini tal-Artikoli 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, kif ukoll timmultah l-ammont ta` mitejn tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------